A.L. 109 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet (Nru 2). Titolu.

2. L-art deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet. Art speċifikata.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1993 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artiklu. Jum stabbilit.

4. L-art imsemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni.

(1) Biċċa art f'Ħal Luqa flimkien mal-bini l-mmhekk mibni li tidher imdawwra bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 130/93, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 27 ta' Mejju, 1993.

(2) Biċċa art f'Ħal Luqa flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher imdawwra bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 130/93/1, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 4 ta' Awissu, 1993.

(3) Biċċa art f'Ta' Qali limiti ta' l-Imdina flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher imdawwra bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 164/93, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 21 ta' Lulju, 1993.